

Brussell, 4 ta' Mejju 2018  
(OR. en)

8358/18

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2018/0131 (NLE)**

---

**CADREFIN 40  
RESPR 6  
POLGEN 54  
FIN 346**

**PROPOSTA**

---

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	4 ta' Mejju 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 326 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL dwar il-metodi u l-proċedura għad-disponibbiltà tar-Riżorsi Proprji bbażati fuq Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva, fuq l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet tal-Unjoni Ewropea u fuq l-Iskart tal-plastik mill-imballaġġ li mhux qed jġi riċiklat, u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2018) 326 final.

---

Mehmuż: COM(2018) 326 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 2.5.2018  
COM(2018) 326 final

2018/0131 (NLE)

Proposta għal

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**dwar il-metodi u l-proċedura għad-disponibbiltà tar-Riżorsi Proprji bbażati fuq Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva, fuq l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet tal-Unjoni Ewropea u fuq l-Iskart tal-plastik mill-imballaġġ li mhux qed jiġi riċiklat, u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

#### • Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

L-għan ta' din il-proposta huwa li tistabbilixxi, f'konformità mal-Artikolu 322(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dispożizzjonijiet meħtieġa biex jiġu ddeterminati l-metodi u l-proċedura li permezz tagħhom l-Istati Membri jagħmlu disponibbli r-riżorsi proprji ġodda lill-Kummissjoni. Dawn ir-Riżorsi Proprji l-ġodda, imsemmija fl-Artikolu 2(1)(c), (d) u (e) tal-proposta tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema tar-Riżorsi Proprji tal-Unjoni Ewropea<sup>1</sup>, huma dawk ibbażati fuq Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva, fuq l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet tal-Unjoni Ewropea u fuq l-Iskart tal-plastik mill-imballaġġ li ma jiġix riċiklat. Dan ir-Regolament jikkumplimenta r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 609/2014<sup>2</sup>, li se jibqa' japplika għar-Riżorsi Proprji eżistenti.

Id-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji l-ġdida proposta żżomm u tirrifirma t-tliet Riżorsi Proprji eżistenti: Riżorsi Proprji Tradizzjonali, verżjoni modifikata tar-Riżorsa Proprja tal-VAT ibbażata fuq id-taxxa u r-Riżorsa Proprja bbażata fuq id-Dħul Nazzjonali Gross.

Barra minn hekk, il-proposta għal Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji tintroduċi tliet kategoriji ġodda ta' Riżorsi Proprji, dik ibbażata fuq Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva, fuq is-sistema tal-UE għan-Negożjar tal-Emissjonijiet u fuq l-iskart tal-plastik mill-imballaġġ li ma jiġix riċiklat.

L-arranġamenti prattiċi proposti f'dan ir-Regolament jimplimentaw is-sistema stabbilita fil-proposta għal Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji, u jikkomplementaw is-sistema attwali għar-Riżorsi Proprji billi jadottawhom għar-Riżorsi Proprji l-ġodda. B'mod partikolari, ir-Regolament propost jitratta l-kalkolu, l-istabbiliment u t-tqegħid għad-dispożizzjoni tar-Riżorsi Proprji l-ġodda, il-konservazzjoni tad-dokumenti ta' sostenn, il-kooperazzjoni amministrattiva, il-kontijiet li għandhom jinżammu għar-Riżorsi Proprji, iż-żmien biex dawn isiru disponibbli u biex jitwettqu korrezzjonijiet u aġġustamenti u, fejn ikun meħtieġ, dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti.

Barra minn hekk, il-proposta tistabbilixxi l-kalkolu tar-rata applikabbli għar-Riżorsi Proprji bbażati fuq l-Introjtu Nazzjonali Gross, li jikkomplementaw l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014. Jinħtieġ li l-ammont ta' Dħul Gross Nazzjonali jiġi kkalkulat ladarba l-ammonti tar-Riżorsi Proprji l-oħra kollha u l-kontribuzzjonijiet finanzjarji għal programmi supplimentari ta' riċerka u żvilupp teknoloġiku u dħul ieħor ikunu magħrufa. Dan jiżgura l-karattru residwu tad-Dħul Nazzjonali Gross ta' Riżorsi Proprji, maħsuba biex iżidu l-ammonti tal-baġit tal-UE li ma jintlaħqux mir-Riżorsi Proprji l-oħra kif ukoll minn sorsi oħra ta' dħul għall-baġit tal-Unjoni.

F'termini tal-immaniġġar tagħhom fiċ-ċiklu baġitarju, ir-Riżorsi Proprji jinqasmu f'żewġ gruppi. L-ewwel nett, ċerti partiti tad-dħul jiġu aġġornati skont l-iżviluppi reali fi stadju aktar

<sup>1</sup> COM(2018) 325 final tat-2.5.2018.

<sup>2</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 609/2014 tas-26 ta' Mejju 2014 dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi proprji tradizzjonali, dawk ibbażati fuq il-VAT u dawk ibbażati fuq l-ING u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti (ĠU L 168, 7.6.2014, p. 39).

tard (meta mqabbla mal-ammonti stmati fil-baġit adottat fil-bidu tas-sena baġitarja), bħar-Riżorsi Proprji bbażati fuq it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u tal-Introjtu Nazzjonali Gross, li fil-preżent jaqgħu f'din il-kategorija. It-tieni nett, ċerti partiti tad-dħul mhumiex aġġornati, bħad-dazji doganali. Ir-Riżorsi Proprji l-ġodda proposti wkoll se jaqgħu f'waħda minn dawn iż-żewġ gruppi u mhux se jeħtieġu bidla fil-proċedura. Ir-Riżorsi Proprji bbażati fuq il-Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva u fuq il-kontribuzzjoni għall-plastik mill-iskart tal-imballaġġ ikunu aġġornati fid-dawl ta' ċifri rrapportati u vverifikati effettivament ladarba jkunu disponibbli. Min-naħa l-oħra, ir-Riżorsi Proprji bbażati fuq dħul mill-irkant mill-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet tal-Unjoni Ewropea ma jagħtu lok għall-ebda aġġornament jew aġġustament fi stadju aktar tard, b'mod simili għad-dazji doganali. Billi l-kontribuzzjoni bbażata fuq l-Introjtu Nazzjonali Gross tibqa' "entrata saldatorja", l-ekwilibriju baġitarju se jinżamm.

Il-Kumitat Konsultattiv se jkun involut bis-sħiħ fl-eżerċizzju tal-previżjoni tar-Riżorsi Proprji kollha.

Id-dispożizzjonijiet f'dan ir-Regolament normalment jirriflettu dawk fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014, u r-referenzi għalih isiru fit-test kollu.

Skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 311 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-dispożizzjonijiet dwar it-tqegħid għad-dispożizzjoni tar-Riżorsi Proprji huma kkumplimentati minn regolament li jstabbilixxi miżuri li jimplimentaw is-sistema tar-Riżorsi Proprji tal-Unjoni. Dawn id-dispożizzjonijiet, li mhumiex direttament relatati biex ir-Riżorsi Proprji jsiru disponibbli, huma stabbiliti fil-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jstabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni dwar is-sistema tar-Riżorsi Proprji<sup>3</sup>, li se jirrevoka u jissostitwixxi r-Regolament attwali (UE, Euratom) Nru 608/2014<sup>4</sup>.

Din l-inizjattiva hija parti minn pakkett leġiżlattiv dwar ir-Riżorsi Proprji usa' li l-Kummissjoni qed tipproponi flimkien ma' Regolament Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2021-2027<sup>5</sup>. Din tinkludi d-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji msemmija hawn fuq, miżuri ta' implimentazzjoni ġodda għar-Regolament għar-Riżorsi Proprji kollha, attwali u ġodda, u emenda<sup>6</sup> għar-Regolament dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud ibbażata fuq ir-Riżorsi Proprji<sup>7</sup>. L-inizjattiva mhix parti mill-Programm dwar l-Idoneità Regulatorja.

Id-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji tinkludi proposta ġdida dwar ir-Riżorsi Proprji u l-Artikolu 6(3) tagħha jistipula li l-Istati Membri għandhom jagħmlu r-riżorsi previsti fl-Artikolu 2(1)(a), (b), (c), (d), (e) u (f) disponibbli lill-Kummissjoni, f'konformità mar-regolamenti adottati skont l-Artikolu 322(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014 jittratta r-Riżorsi Proprji eżistenti msemmija fl-Artikolu 2(1)(a), (b) u (f), tad-Deċiżjoni u r-Regolament propost jittratta r-Riżorsi Proprji maħluqa ġodda msemmija fl-Artikolu 2(1)(c), (d) u (e) tad-Deċiżjoni.

<sup>3</sup> COM(2018) 327 final tat-2.5.2018.

<sup>4</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 608/2014 tas-26 ta' Mejju 2014 li jstabbilixxi miżuri li jimplimentaw is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 168, 7.6.2014, p. 29).

<sup>5</sup> COM(2018) 322 final tat-2.5.2018.

<sup>6</sup> COM(2018) 328 final tat-2.5.2018.

<sup>7</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89 tad-29 ta' Mejju 1989 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud (ĠU L 155, 7.6.1989, p. 9).

Barra minn hekk, għall-fini li tiġi stabbilita r-rata applikabbli għal Riżorsa Proprja residwa bbażata fuq id-Dħul Nazzjonali Gross, qed jiġi propost Artikolu ġdid, li jikkomplimenta l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014. Skont l-Artikolu propost, id-dħul minn Riżorsi Proprji bbażat fuq il-Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva, l-Iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-Unjoni Ewropea u l-Iskart tal-plastik mill-imballaġġ jiżdied mad-dħul mir-Riżorsi Proprji Tradizzjonali u r-Riżorsi Proprji bbażati fuq it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, sabiex tiġi kalkulata l-parti tal-baġit li għandha tiġi koperta mir-Riżorsi Proprji bbażati fuq l-Introjt Nazzjonali Gross.

Il-proposta tal-Kummissjoni hija spjegata f'aktar dettall hawn taħt fit-Taqsima 5.

- **Il-konsistenza ma' dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-bażi ġuridika għad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji hija t-tielet paragrafu tal-Artikolu 311 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 311 u l-Artikolu 322(2) tat-Trattat huma l-bażi ġuridika tal-atti li se jstabbilixxi l-miżuri li jimplementaw is-sistema tar-Riżorsi Proprji u biex ir-Riżorsi Proprji jsiru disponibbli.

Il-bażi ġuridika għal dan ir-Regolament hija l-Artikolu 322(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Hija msemmija wkoll fl-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni l-ġdida dwar ir-Riżorsi Proprji (l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji Nru 2014/335/UE, Euratom<sup>8</sup>). Din tikkomplimenta r-Regolament attwali dwar it-Tqegħid għad-Dispożizzjoni (UE, Euratom) Nru 609/2014 għal Riżorsi Proprji Tradizzjonali u r-Riżorsi Proprji bbażati fuq it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u l-Introjt Nazzjonali Gross. Fl-aħħar nett, hija marbuta mar-Regolament li jstabbilixxi miżuri li jimplementaw is-sistema tar-Riżorsi Proprji (ir-Regolament attwali (UE, Euratom) Nru 608/2014 u l-miżuri ta' implimentazzjoni l-ġodda proposti fir-Regolament).

- **Il-konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Minħabba n-natura ta' Riżorsi Proprji, il-ġestjoni tagħhom tiddependi fuq l-applikazzjoni korretta ta' politiki oħra tal-Unjoni:

- Riżorsi Proprji tradizzjonali (l-aktar dazji doganali) huma marbuta mal-unjoni doganali;
- Riżorsi proprji bbażati fuq it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u fuq Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva huma marbuta mas-Suq Uniku u l-politika ta' tassazzjoni;
- Ir-Riżorsi Proprji bbażati fuq l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet tal-Unjoni Ewropea u dwar l-Iskart tal-plastik mill-imballaġġ huma marbuta ma' politiki tal-Unjoni dwar l-ambjent u l-azzjoni klimatika.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika għal dan ir-Regolament hija l-Artikolu 322(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Huwa wkoll imsemmi fl-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni l-ġdida

---

<sup>8</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2014 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea (2014/335/UE, Euratom) (ĠU L 168, 7.6.2014, p. 105).

dwar ir-Riżorsi Proprji (l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji 2014/335/UE, Euratom).

- **Sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklużiva)**

Min-natura tal-baġit tal-Unjoni u r-Riżorsi Proprji li jsawru d-dħul tiegħu, is-sistema tar-Riżorsi Proprji u l-arranġamenti biex dawn isiru disponibbli jeħtieġu li jittieħdu f'perspettiva tal-Unjoni kollha u ma jistax jintlaħqu mill-Istati Membri.

- **Proporzjonalità**

Din il-proposta għal Regolament ġdid tikkumplementa d-dispożizzjonijiet eżistenti u tadattahom għar-Riżorsi Proprji ġodda. L-inklużjoni ta' Riżorsi Proprji ġodda fid-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji titlob leġiżlazzjoni aġġornata li tinkludi dispożizzjonijiet dwar kif dawn ir-Riżorsi Proprji l-ġodda jsiru disponibbli u li taġġorna u ttejjeb id-dispożizzjonijiet attwali.

Billi huwa fl-interess tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha li jkun żgurat li s-sistema tar-Riżorsi Proprji taħdem tajjeb, il-metodi biex dawn ir-Riżorsi Proprji l-ġodda jsiru disponibbli huma mfasslin biex jippermettu kooperazzjoni bla xkiel bejn l-Unjoni u l-Istati Membri.

- **Għażla tal-istrument**

L-Artikolu 322(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ma jispeċifikax l-istrument li għandu jintuża<sup>9</sup>. Madankollu, l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom u l-Artikolu 6 tal-proposta għal Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji teħtieġ lill-Istati Membri jagħmlu r-riżorsi disponibbli lill-Kummissjoni "skont ir-regolamenti adottati skont l-Artikolu 322(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

### **3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

Il-memorandum ta' spjegazzjoni għall-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema tar-Riżorsi Proprji tal-Unjoni Ewropea jipprovdi aktar informazzjoni dwar l-aħħar rapporti u d-dokumenti li janalizzaw il-ħtieġa biex tiġi riformata s-sistema tar-Riżorsi Proprji.

Għalhekk, Regolament dwar it-Tqegħid għad-Dispożizzjoni huwa meħtieġ peress li r-Regolament attwali (UE, Euratom) Nru 609/2014 jirreferi biss għal Riżorsi Proprji Tradizzjonali u Riżorsi Proprji bbażati fuq it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u l-Introjtu Nazzjonali Gross, filwaqt li d-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji proposta tintroduċi Riżorsi Proprji ġodda li għalihom huma meħtieġa dispożizzjonijiet biex dawn ikunu disponibbli.

Il-proposta ssegwi d-dispożizzjonijiet diġà fis-seħħ, billi tadatta s-sistema fis-seħħ skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 6609/2014 dwar ir-Riżorsi Proprji ġodda. Barra minn hekk, hija tikkumplementa u tagħmel referenza għal-leġiżlazzjoni rilevanti dwar ir-

---

<sup>9</sup> "Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni u wara li jkun ikkonsulta l-Parlament Ewropew u l-Qorti tal-Awdituri, għandu jiddetermina l-metodi u l-proċedura li permezz tagħhom id-dħul tal-baġit previst taħt l-arranġamenti li għandhom x'jaqsmu mar-riżorsi proprji tal-Unjoni għandhom isiru disponibbli għall-Kummissjoni, u jiddetermina l-miżuri li għandhom jiġu applikati, jekk ikun meħtieġ, biex jilhqqu l-ħtieġiet ta' flus kontanti."

Riżorsi Proprji l-ġdida. Għalhekk, il-proposta ser tkun kontinwazzjoni tas-sistema attwali, biex tiġi estiża għar-Riżorsi Proprji l-ġodda.

Din il-proposta mhijiex marbuta mal-Programm dwar l-Idoneità Regulatorja; hija mmirata lejn l-Istati Membri u mhux lejn mikrointrapriżi jew intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jew partijiet interessati oħra; bħala prinċipju hija newtrali fuq il-kompetittività jew il-kummerċ internazzjonali settorjali tal-Unjoni. Il-proposta ma għandhiex konsegwenzi għall-ħarsien tad-drittijiet fundamentali.

#### **4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

L-implikazzjonijiet baġitarji ta' din il-proposta u tal-pakkett leġiżlattiv dwar ir-Riżorsi Proprji huma mniżżla fid-dettall fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva meħmuża ma' din il-proposta. Bl-introduzzjoni ta' Riżorsi Proprji ġodda, is-sistema tar-Riżorsi Proprji riformata tkun tista' tiġi implimentata fl-istess livell ta' approprijazzjonijiet amministrattivi u riżorsi ta' persunal tas-sistema preżenti.

#### **5. ELEMENTI OĦRA**

L-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar ir-Riżorsi Proprji, inklużi l-metodi u l-proċedura għat-tqegħid għad-dispożizzjoni tar-Riżorsi Proprji, hija diskussa fuq bażi regolari fil-Kumitat Konsultattiv dwar ir-Riżorsi Proprji.

Il-proposta tal-Kummissjoni tista' titqassar kif ġej:

##### ***Kapitolu I “Dispożizzjonijiet Ġenerali”***

L-Artikolu 2 tal-proposta, ‘konservazzjoni tad-dokumenti ta' sostenn’: id-dispożizzjonijiet jirreplikaw dawk skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014, li jiddifferenzjaw bejn dispożizzjonijiet ta' Riżorsi Proprji bbażati fuq l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet tal-Unjoni Ewropea (li huma simili għal dawk applikabbli għal Riżorsi Proprji Tradizzjonali), u dispożizzjonijiet dwar ir-Riżorsi Proprji bbażati fuq il-Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva u l-Iskart tal-plastik mill-imballaġġ (li huma simili għal dawk applikabbli dwar ir-riżorsi proprji bbażati fuq it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u l-Introjt Nazzjonali Gross).

L-Artikolu 3 tal-proposta, “kooperazzjoni amministrattiva” jirrifletti l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014.

L-Artikolu 4 tal-proposta, “l-effetti fuq Riżorsi Proprji bbażati fuq id-Dħul Nazzjonali Gross”, jiżgura l-karattru residwu ta' Riżorsi Proprji bbażati fuq l-Introjt Nazzjonali Gross. Huwa jikkomplementa l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014 billi jistipula li l-ammont ta' Riżorsi Proprji bbażati fuq l-Introjt Nazzjonali Gross se jiġi kkalkulat wara li d-dħul mir-Riżorsi Proprji l-oħra kollha, kemm ġodda kif ukoll eżistenti, jkun ġie miżjud. Dan jiżgura wkoll li t-tnaqqis gross mogħti skont id-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji l-ġodda jiġi kkunsidrat għad-dħul fil-kontijiet u fid-disponibbiltà tar-Riżorsi Proprji bbażati fuq l-Introjt Nazzjonali Gross.

## ***Kapitolu II, “Kontabbiltà għar-Riżorsi Proprji”***

L-Artikolu 5 tal-proposta, “dħul fil-kontijiet u rappurtar” jirrifletti l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014, u jadattah għall-ħtiġijiet tar-Riżorsi Proprji l-ġodda.

L-Artikolu 6 tal-proposta, “korrezzjonijiet tal-kontabbiltà għar-Riżorsi Proprji bbażati fuq l-Iskema għall-Iskambju ta’ Kwoti tal-Emissjonijiet tal-Unjoni Ewropea”, jirrifletti l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014, li jadatta din ir-Riżorsa Proprja għal dak li huwa stabbilit hemmhekk għal Riżorsi Proprji Tradizzjonali, billi ż-żewġ Riżorsi Proprji huma ta’ natura simili.

## ***Kapitolu III, “Kalkolu tar-Riżorsi Proprji”***

L-Artikoli 7, 8 u 9 jkopru l-metodi ta’ kalkolu tar-Riżorsi Proprji bbażati fuq Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva, l-Iskema għall-Iskambju ta’ kwoti tal-Emissjonijiet tal-Unjoni Ewropea u tal-Iskart tal-plastik mill-imballaġġ. Din jinħtieġ li tinqara f’konnessjoni mal-Artikolu 1 tal-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri li jimplementaw is-sistema tar-Riżorsi Proprji tal-Unjoni Ewropea, li tistabbilixxi r-rati tas-sejħa.

## ***Kapitolu IV “Id-disponibbiltà tar-riżorsi proprji”***

L-Artikolu 10 tal-proposta, “teżor u arranġamenti ta’ kontabilità” jirreferi għall-Artikolu 9 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014.

L-Artikoli 11 u 12 ikopru t-tqegħid għad-dispożizzjoni tar-Riżorsi Proprji ġodda. Kif spjegat, ir-Riżorsi Proprji bbażati fuq l-Iskema għall-Iskambju ta’ Kwoti tal-Emissjonijiet tal-Unjoni Ewropea jsegwu d-dispożizzjonijiet li huma applikabbli għal Riżorsi Proprji Tradizzjonali (ara l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014). Ir-Riżorsi Proprji bbażati fuq Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva u l-Iskart tal-Plastik mill-imballaġġ, madankollu, isegwu d-dispożizzjonijiet applikabbli dwar ir-Riżorsi Proprji bbażati fuq it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u l-Introjtu Nazzjonali Gross (ara l-Artikolu 10a tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014).

L-Artikolu 13 tal-proposta, “aġġustamenti tar-Riżorsi Proprji bbażati fuq il-Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva u fuq l-Iskart tal-Plastik mill-imballaġġ tas-snin finanzjarji preċedenti” jadatta d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10b tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014, applikabbli għar-Riżorsi Proprji bbażati fuq it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u l-Introjtu Nazzjonali Gross. Issa, żewġ Riżorsi Proprji ġodda se jiġu inklużi fl-eżerċizzju tal-bilanċi annwali fejn il-previżjonijiet huma mqabbla mal-ewwel data reali. Bħala t-tieni pass, l-ammont totali tal-bilanċi huma distribwiti fost l-Istati Membri skont is-sehem tagħhom tad-DNG (netting). Huwa jiddikjara wkoll li korrezzjonijiet jew aġġustamenti wara l-ispezzjonijiet għandhom ikunu disponibbli fid-data speċifikata mill-Kummissjoni. L-ammonti mir-riżultati tal-ispezzjonijiet mhux se jiġu inklużi fl-eżerċizzju tal-bilanċi annwali.

L-Artikolu 14, “l-antiċipazzjoni tal-wieħed minn tnax” jirrifletti l-Artikolu 10a(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014 u jsir applikabbli għar-Riżorsi Proprji bbażati fuq il-Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva u l-Iskart tal-Plastik mill-imballaġġ.

L-Artikolu 15, “interessi fuq ammonti li jsiru disponibbli tard” jirrifletti l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014. L-imgħax ikun dovut għal kull dewmien biex isiru

disponibbli Riżorsi Proprji bbażati fuq l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet tal-Unjoni Ewropea, bħalma huwa l-każ fir-rigward tar-Riżorsi Proprji Tradizzjonali. Fir-rigward tar-Riżorsi Proprji bbażati fuq il-Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva u l-Iskart tal-Plastik mill-imballaġġ, kif huwa l-każ fuq dawk ibbażati fuq it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u tal-Introjtu Nazzjonali Gross, hemm lista eżawrjenti ta' raġunijiet li għalihom jinħtieġ li jkun pagabbli imgħax.

#### ***Kapitolu V “Ġestjoni tar-riżorsi ta’ flus kontanti”***

L-Artikolu 16 “il-ħtiġijiet għall-immaniġġar tar-riżorsi ta’ flus kontanti u l-eżekuzzjoni ta’ ordnijiet ta’ ħlas” jirreferi għall-Artikoli 14 u 15 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014.

#### ***Kapitolu VI “Dispożizzjonijiet finali”***

L-Artikolu 17 tal-proposta, “Proċedura tal-Kumitat”, jipprovdi setgħat ta’ implimentazzjoni li għandhom jiġu kkonferiti fuq il-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011.

L-Artikolu 18 tal-proposta, “dispożizzjonijiet tranżitorji”, jiddefinixxi d-dispożizzjonijiet għall-perjodu tranżitorju.

L-Artikolu 19 tal-proposta, “dħul fis-seħħ”, jgħid li r-Regolament se jidħol fis-seħħ fl-istess żmien tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji. Ir-Regolament ser japplika retroattivament mill-1 ta’ Jannar 2021 għar-Riżorsi Proprji bbażati fuq l-Iskema għall-Iskambju ta’ Kwoti tal-Emissjonijiet tal-Unjoni Ewropea u dwar l-Iskart tal-Plastik mill-imballaġġ Fir-rigward tar-Riżorsi Proprji bbażati fuq Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva, dawk id-dispożizzjonijiet għandhom japplikaw mit-tieni sena wara t-tmiem tal-perjodu ta’ traspożizzjoni għad-Direttiva dwar il-Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva.

Proposta għal

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**dwar il-metodi u l-proċedura għad-disponibbiltà tar-Riżorsi Proprji bbażati fuq Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva, fuq l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet tal-Unjoni Ewropea u fuq l-Iskart tal-plastik mill-imballaġġ li mhux qed jiġi riċiklat, u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 322(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew<sup>10</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri<sup>11</sup>

Billi:

- (1) L-Unjoni għandu jkollha r-Riżorsi Proprji msemmijin fl-Artikolu 2(1)(c), (d) u (e) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 20xx/xxxx/UE, Euratom<sup>12</sup>, disponibbli għall-Unjoni bl-aħjar kundizzjonijiet possibbli u għalhekk jinħtieġ li jkunu preskritti regoli għall-Istati Membri li jipprovdu lill-Kummissjoni b'dawk ir-Riżorsi Proprji.
- (2) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 609/2014<sup>13</sup> fih dispożizzjonijiet dwar it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' Riżorsi Proprji u dwar arranġamenti amministrattivi li huma komuni għal Riżorsi Proprji oħrajn u li jistgħu jiġu applikati, fejn xieraq, *mutatis mutandis*.
- (3) Jinħtieġ li l-Istati Membri jżommu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni u, fejn meħtieġ, jgħaddulha d-dokumenti u l-informazzjoni meħtieġa ħalli hi tkun tista' teżerċita l-poteri mogħtija lilha f'dak li għandu x'jaqsam mar-Riżorsi Proprji tal-Unjoni. B'mod partikolari, jinħtieġ li l-Istati Membri jittrażmettu lill-Kummissjoni rapporti perjodiċi ta' Riżorsi Proprji.
- (4) Jinħtieġ li l-Istati Membri jkunu kapaċi jipprovdu lill-Kummissjoni f'kull ħin, id-dokumenti li jissostanzjaw ir-Riżorsi Proprji miġbura.

---

<sup>10</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

<sup>11</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

<sup>12</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 20xx/xxxx/UE, Euratom dwar is-sistema ta' riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea (ĠU L [...], [...], p. [...]).

<sup>13</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 609/2014 tas-26 ta' Mejju 2014 dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi proprji tradizzjonali, dawk ibbażati fuq il-VAT u dawk ibbażati fuq l-ING u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti (ĠU L 168, 7.6.2014, p. 39).

- (5) Il-kalkolu tar-rata applikabbli ta' Riżorsi Proprji bbażati fuq l-Introjtu Nazzjonali Gross jinħtieġ li jsir wara li d-dħul mir-Riżorsi Proprji l-oħra kollha msemija fl-Artikolu 2(1)(a), (b), (c), (d) u (e) tad-Deċiżjoni 20xx/xxxx/UE, Euratom u minn kontribuzzjonijiet finanzjarji għal programmi ta' riċerka u żvilupp teknoloġiku supplimentari u dħul ieħor ġew miżjuda.
- (6) It-tnaqqis gross imsemmi fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni 20xx/xxxx/UE, Euratom mogħti lill-Ġermanja jinħtieġ li jittieħed inkunsiderazzjoni għad-dħul fil-kontijiet tar-Riżorsi Proprji bbażati fuq id-Dħul Gross Nazzjonali skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 6(3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014 u t-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' din ir-Riżorsa Proprja skont l-Artikolu 10a ta' dak ir-Regolament.
- (7) Sabiex jiġi żgurat li l-baġit tal-Unjoni jkun iffinanzjat fi kwalunkwe ċirkostanza, jinħtieġ li tiġi stabbilita proċedura, fir-rigward tar-Riżorsi Proprji bbażati fuq il-Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva u l-Iskart tal-Plastik mill-imballaġġ, biex l-Istati Membri jagħmlu disponibbli għall-Unjoni, f'forma ta' wieħed minn tnax kull xahar, ir-riżorsi proprji mdaħħla fil-baġit u sussegwentament jaġġustaw l-ammonti li jkunu saru disponibbli.
- (8) Il-metodi ta' kalkolu dwar ir-Riżorsi Proprji ġodda jinħtieġ li jkunu definiti b'mod ċar flimkien ma' rati ta' ġbir applikabbli stabbiliti fl-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 20xx/xxxx<sup>14</sup>.
- (9) Ir-riżorsi proprji jridu ikunu disponibbli fl-għamla ta' dħul tal-ammonti dovuti fil-kont imsemmi fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014, miftuħa għal dan il-għan f'isem il-Kummissjoni mat-Teżor jew mal-korp maħtur minn kull Stat Membru.
- (10) Fl-interess tas-simplifikazzjoni, il-proċedura għall-aġġustament tar-Riżorsi Proprji bbażati fuq il-Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva u l-Iskart tal-Plastik mill-imballaġġ jinħtieġ li tiġi ssimplifikata għal disopizzjonijiet ta' aġġustament għar-Riżorsi Proprji eżistenti. Jinħtieġ li jkun hemm ridistribuzzjoni immedjata tal-ammont globali tal-aġġustamenti fost l-Istati Membri.
- (11) Il-Kummissjoni jrid ikollha biżżejjed riżorsi ta' flus kontanti biex tikkonforma mal-ħtiġijiet regolatorji għal pagamenti kkonċentrati fl-ewwel xhur tas-sena, sa fejn dan huwa ġġustifikat minn rekwiżiti ta' flus kontanti.
- (12) Sabiex jinkisbu l-oġġettivi tal-Unjoni, jinħtieġ li l-proċedura għall-kalkolu tal-imġax tiżgura b'mod partikolari li r-Riżorsi Proprji jkunu disponibbli b'mod f'waqt u b'mod sħiħ. Jinħtieġ li l-Istati Membri jħallsu l-imġax fil-każ ta' dewmien sabiex idaħħlu r-Riżorsa Proprja fil-kontijiet. F'konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja soda, jinħtieġ li tingħata attenzjoni biex l-ispejjeż ta' rkupru tal-imġaxijiet dovuti fuq ir-Riżorsi Proprji li jkunu saru disponibbli tard, ma jeċċedux l-ammont tal-imġax pagabbli.
- (13) Sabiex tiġi faċilitata l-applikazzjoni tar-regoli finanzjarji relatati mar-Riżorsi Proprji, huwa meħtieġ li jiġu inklużi dispożizzjonijiet li jiżguraw kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni.

<sup>14</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 20xx/xxx ta' [DATA] li jstabbilixxi miżuri li jimplementaw is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea (ĠU L [...], [...], p. [...]).

- (14) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jinħtieġ li s-setgħat ta' implimentazzjoni jiġu konferiti lill-Kummissjoni fir-rigward tal-istabbiliment ta' formoli għal dikjarazzjonijiet dwar ir-Riżorsi Proprji. Jinħtieġ li dawn is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>15</sup>.
- (15) Jinħtieġ li l-proċedura konsultattiva tintuża għall-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi formoli għal dikjarazzjonijiet dwar ir-Riżorsi Proprji minħabba n-natura teknika ta' dawk l-atti.
- (16) Għal raġunijiet ta' konsistenza u filwaqt li jitqies l-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni 20xx/xxxx/EU/Euratom, jinħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-istess jum tad-dħul fis-seħħ ta' dik id-Deċiżjoni u jinħtieġ li japplika mill-1 ta' Jannar 2021. Jinħtieġ li d-dispożizzjonijiet li jkopru Riżorsi Proprji msemmija fl-Artikolu 2(1)(c) tad-Deċiżjoni 20xx/xxxx/UE, Euratom japplikaw mid-data stabbilita skont l-Artikolu 9 ta' dik id-Deċiżjoni,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

## KAPITOLU I

### DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

#### *Artikolu 1*

#### **Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dwar l-ikkalkular u t-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni, ir-Riżorsi Proprji tal-Unjoni li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 2(1)(c), (d) u (e) tad-Deċiżjoni 20xx/xxxx/UE, Euratom u jstabbilixxi l-kalkolu tar-rata applikabbli ta' riżorsi proprji bbażati fuq l-Introjt Nazzjonali Gross msemmija fl-Artikolu 2(1)(f) ta' din id-Deċiżjoni.

#### *Artikolu 2*

#### **Konservazzjoni tad-dokumenti ta' sostenn**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jassiguraw li d-dokumenti ta' sostenn li jirrigwardaw il-kalkolu, l-istabbiliment u d-disponibbiltà tar-Riżorsi Proprji bbażati fuq l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet tal-Unjoni Ewropea, jinżammu mill-anqas għal tliet snin kalendarji, li jibdedw jgħoddu mit-tmiem tas-sena li hemm referenza għaliha f'dawk id-dokumenti ta' sostenn.

Id-dokumenti ta' sostenn dwar ir-Riżorsi Proprji bbażati fuq il-Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva u l-Iskart tal-Plastik mill-imballaġġ għandhom jinżammu mill-Istati Membri sal-31 ta' Lulju tas-sitt sena ta' wara s-sena finanzjarja kkonċernata.

2. Jekk il-verifika f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 20xx/xxxx tad-dokumenti ta' sostenn li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1 turi li huwa

---

<sup>15</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

meħtieġ aġġustament jew korrezzjoni, dawk id-dokumenti għandhom jinżammu aktar mil-limitu ta' żmien stipulat fil-paragrafu 1 għal perijodu suffiċjenti biex jippermetti li l-aġġustament jew il-korrezzjoni tkun tista' ssir u tiġi ssorveljata.

3. Jekk ikun hemm nuqqas ta' qbil bejn Stat Membru u l-Kummissjoni rigward l-obbligu li jsir disponibbli ammont partikolari ta' Riżorsi Proprji li hemm riferenza għalih taħt l-Artikolu 2(1)(c), (d) u (e) tad-Deċiżjoni 20xx/xxxx/UE, Euratom, u din tiġi riżolta permezz ta' ftehim reċiproku jew permezz ta' deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-Istat Membru għandu jgħaddi d-dokumenti ta' sostenn lill-Kummissjoni fi żmien xahrejn minn meta tinstab is-soluzzjoni, sabiex ikun jista' jsir is-segwitu finanzjarju.

### *Artikolu 3*

#### **Kooperazzjoni amministrattiva**

1. Kull Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan li ġej:

- (a) l-ismijiet tad-dipartimenti jew aġenziji responsabbli biex jikkalkulaw jew jistabbilixxi, jiġbru, biex jagħmlu disponibbli u biex jikkontrollaw ir-Riżorsi Proprji tagħhom u d-dispożizzjonijiet bażiċi li għandhom x'jaqsmu mar-rwol u l-operat ta' dawk id-dipartimenti u aġenziji;
- (b) id-dispożizzjonijiet ġenerali preskritti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva u dawk relatati mal-proċedura tal-kontabbiltà li tikkonċerna l-kalkolu jew l-istabbiliment, il-ġbir, it-tqegħid għad-disponibbiltà u l-kontroll tar-Riżorsi Proprji mill-Kummissjoni;
- (c) it-titolu preċiż tar-rendikonti amministrattivi u tal-kontabbiltà kollha li fihom hija mdaħħla r-Riżorsi Proprji, partikolarment dawk użati għat-tħejjija tal-kontijiet stipulati fl-Artikolu 5.

Il-Kummissjoni għandha tkun informata immedjetament bit-tibdil kollu f'dawn l-ismijiet jew id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu.

2. Il-Kummissjoni għandha, b'talba ta' xi Stat Membru, tittrasmetti lill-Istati Membri kollha l-informazzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu.

### *Artikolu 4*

#### **L-effetti fuq Riżorsi Proprji bbażati fuq id-Dħul Nazzjonali Gross**

1. Għall-finijiet tal-iffissar ta' rata uniformi msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014, id-dħul imsemmi fl-Artikolu 2(1)(c), (d) u (e) tad-Deċiżjoni 20xx/xxxx/UE, Euratom għandu jiġi miżjud mad-dħul imsemmi fl-Artikolu 2(1)(a) u (b) ta' din id-Deċiżjoni sabiex jikkalkulaw il-parti tal-baġit biex jiġu koperti r-riżorsi proprji bbażati fuq id-Dħul Nazzjonali Gross.

2. It-tielet subparagrafu tal-Artikolu 6(3) u l-Artikolu 10a tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014 għandu japplika t-tnaqqis gross mogħti lill-Ġermanja msemmi fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni 20xx/xxxx/UE, Euratom.

**KAPITOLU II**  
**KONTIJET GĦAR-RIŻORSI PROPRJI**

*Artikolu 5*

**Entrata fil-kontijiet u r-rappurtar**

1. Il-kontijiet għar-Riżorsi Proprji għandhom jinżammu mit-teżor ta' kull Stat Membru jew minn entità pubblika li teżerċita funzjonijiet simili (“it-teżor”) jew mill-bank ċentrali nazzjonali ta' kull Stat Membru. Dawn il-kontijiet għandhom ikunu maqsuma skont it-tip ta' riżorsi.

2. Għal skopijiet ta' kontabbiltà tar-riżorsi proprji, ix-xahar għandu jintemm mhux aktar kmieni mis-1 p.m. tal-aħħar jum tax-xogħol tax-xahar li matulu jkun seħħ il-kalkolu jew l-istabbiliment.

3. Il-porzjon ta' wieħed minn tmax tar-Riżorsi Proprji bbażati fuq il-Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva u l-Iskart tal-Plastik mill-imballaġġ għandhom jiddaħflu fil-kontijiet fl-ewwel jum ta' xogħol ta' kull xahar.

L-ammonti mir-Riżorsi Proprji bbażati fuq l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet tal-Unjoni Ewropea għal xahar partikolari għandhom ikunu rreġistrati fil-kontijiet fl-ewwel jum tax-xogħol tat-tieni xahar wara x-xahar li fih il-kwoti ġew irkantati jew li fihom kwoti tranżizzjonali mingħajr ħlas għall-modernizzazzjoni tas-settur tal-enerġija kienu nħarġu.

Ir-riżultat tal-kalkolu msemmi fl-Artikolu 13 għandu jiġi reġistrat annwalment.

4. Kull Stat Membru għandu jibgħat lill-Kummissjoni, fil-limiti ta' żmien speċifikati fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3, stqarrija ta' kull xahar dwar il-kontijiet tiegħu tar-Riżorsi Proprji bbażati fuq l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

5. Kull Stat Membru għandu jibgħat lill-Kummissjoni, sal-15 ta' April ta' kull sena, dikjarazzjoni annwali mal-istima tiegħu u l-estimi tar-Riżorsi Proprji msemmija fl-Artikolu 2(1)(c), (d) u (e) tad-Deċiżjoni 20xx/xxxx/UE, Euratom għas-sena kurrenti u s-sena ta' wara.

Il-previżjoni ta' Riżorsi Proprji bbażati fuq l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet tal-Unjoni Ewropea għandha tkun l-ammont fid-dikjarazzjoni annwali għas-sena preċedenti msemmija fil-paragrafu 6(b).

6. Kull Stat Membru għandu jibgħat lill-Kummissjoni sat-31 ta' Lulju dawn id-dikjarazzjonijiet bl-ammonti ta' Riżorsi Proprji kkalkulati:

- (a) dikjarazzjoni annwali għat-tieni sena qabel is-sena kurrenti (“n-2”) bl-ammont ta' profitti taxxabbli ddikjarat f'dak l-Istat Membru minn min iħallas it-taxxi, inkluża l-parti ta' dawk il-profitti taxxabbli attribwiti lil Stati Membri oħra, u l-ammont ta' profitti taxxabbli li kienu attribwiti lill-Istat Membru dikjarant minn Stati Membri oħra, skont ir-regoli tal-Unjoni; u dikjarazzjoni annwali għat-tieni sena qabel is-sena kurrenti (“n-2”) mal-kalkolu tal-ammonti tar-Riżorsi Proprji skont l-Artikolu 7;
- (b) dikjarazzjoni annwali għas-sena qabel is-sena kurrenti (“n-1”) mad-dħul mill-irkanti ta' kwoti msemmija fl-Artikolu 10(2)(a) tad-Direttiva 2003/87KE; dikjarazzjoni annwali għas-sena preċedenti bl-għadd ta' kwoti tranżizzjonali

mingħajr ħlas għall-modernizzazzjoni tas-settur tal-enerġija skont l-Artikolu 10c ta' dik id-Direttiva, u l-valur tas-suq tagħhom; u dikjarazzjoni annwali għas-sena preċedenti bil-kalkolu tal-ammonti tar-Riżorsi Proprji skont l-Artikolu 8;

- (c) dikjarazzjoni annwali għat-tieni sena qabel is-sena kurrenti (“n-2”) b'*data* statistika dwar il-piż tal-Iskart tal-Plastik mill-imballaġġ iġġenerati fl-Istat Membru, f'kilogrammi, kif ukoll il-piż l-Iskart tal-Plastik mill-imballaġġ li ġie rriċiklat f'kilogrammi; u dikjarazzjoni annwali għat-tieni sena qabel is-sena kurrenti (“n-2”) mal-kalkolu tal-ammonti tar-Riżorsi Proprji skont l-Artikolu 9.

Għall-finijiet tal-punt (a), id-dejta li għandha tiġi pprovduta mill-Istati Membri għandha tkun limitata għall-profitti taxxabbli ta' kontribwenti tat-taxxa li għalihom ir-regoli tal-Unjoni dwar il-Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva huma obbligatorji.

7. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu formoli għal dikjarazzjonijiet dwar ir-Riżorsi Proprji msemmija fil-paragrafi 4, 5 u 6. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 17(2).

#### *Artikolu 6*

### **Il-korrezzjonijiet tal-kontabbiltà fuq ir-Riżorsi Proprji bbażati fuq l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet tal-Unjoni Ewropea**

Għal Riżorsi Proprji bbażati fuq l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet tal-Unjoni Ewropea msemmija f'Artikolu 2(1)(d) tad-Deċiżjoni 20xx/xxxx/UE, Euratom, l-ebda korrezzjonijiet ulterjuri ma għandhom isiru għad-dikjarazzjonijiet ikkomunikati mill-Istati Membri għal sena partikolari wara l-31 ta' Diċembru tat-tielet sena wara s-sena in kwistjoni, ħlief dwar punti notifikati qabel dik id-data mill-Kummissjoni jew mill-Istat Membru kkonċernat.

## **KAPITOLU II**

### **KALKOLU TAR-RIŻORSI PROPRJI**

#### *Artikolu 7*

### **Il-kalkolu ta' Riżorsi Proprji bbażati fuq Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva**

1. Ir-Riżorsi Proprji bbażati fuq Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva, imsemmija fl-Artikolu 2(1)(c) tad-Deċiżjoni 20xx/xxxx/UE, Euratom, għandhom jiġu kkalkolati kull sena minn kull Stat Membru bl-applikazzjoni ta' rata uniformi speċifikata fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 20xx/xxxx għas-sehem tal-profitti taxxabbli attribwiti lil dak l-Istat Membru skont ir-regoli tal-Unjoni dwar il-Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva.

2. L-ammont ta' Riżorsi Proprji bbażat fuq Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva għal sena għandhom jiġu ddeterminati fuq il-bażi ta' tbassir li jsir sal-15 ta' April tas-sena ta' qabel.

## Artikolu 8

### **Il-kalkolu tar-Riżorsi Proprji bbażati fuq l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet tal-Unjoni Ewropea**

1. Ir-Riżorsi Proprji bbażati fuq l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet tal-Unjoni Ewropea, imsemmija fl-Artikolu 2(1)(d) tad-Deċiżjoni 20xx/xxxx/UE, Euratom, għandhom jiġu kkalkolati minn kull Stat Membru bl-applikazzjoni tar-rata tas-sejħa uniformi stabbilita fl-Artikolu 1(3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 20xx/xxxx mal-ammont li jirrappreżenta d-dħul iġġenerat mill-kwoti li jridu jiġu rkantati msemmija fl-Artikolu 10(2)(a) tad-Direttiva 2003/87/KE u l-valur tas-suq ta' kwoti tranżizzjonali mingħajr ħlas għall-modernizzazzjoni tas-settur tal-enerġija kif stabbilit fl-Artikolu 10c(3) ta' dik id-Direttiva.
2. Ir-Riżorsi Proprji msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġi kkalkulati fuq bażi ta' kull xahar u kkonvertiti fil-muniti nazzjonali bir-rati tal-kambju tal-aħħar jum ta' kwotazzjoni tas-sena tal-kalendarju li tiġi qabel il-perjodu ta' referenza, kif ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, serje C.

## Artikolu 9

### **Il-kalkolu ta' Riżorsi Proprji bbażati fuq l-Iskart tal-Plastik mill-imballaġġ li ma jkunx ġie rriċiklat**

1. Ir-Riżorsi Proprji bbażati fuq l-Iskart tal-Plastik mill-imballaġġ li ma jkunx ġie rriċiklat imsemmija fl-Artikolu 2(1)(e) tad-Deċiżjoni 20xx/xxxx/UE, Euratom għandhom jiġu kkalkolati bl-applikazzjoni tar-rata tas-sejħa uniformi stabbilita fl-Artikolu 1(4) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 20xx/xxxx għad-differenza bejn il-piż ta' Plastik tal-iskart mill-imballaġġ iġġenerata fi Stat Membru f'sena determinata u l-piż ta' dak l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik li jiġi rriċiklat.
2. Għal kull Stat Membru, ir-Riżorsi Proprji bbażati fuq l-Iskart tal-Plastik mill-imballaġġ għandhom jiġu kkalkolati f'euro.
3. L-ammont ta' Riżorsi Proprji bbażati fuq l-Iskart tal-Plastik mill-imballaġġ li mhux rriċiklat għal sena għandhom jiġu ddeterminati fuq il-bażi ta' tbassir li jsir sal-15 ta' April tas-sena ta' qabel.

## KAPITOLU IV

### **ID-DISPONIBBILTÀ TAR-RIŻORSI PROPRJI**

## Artikolu 10

### **It-teżor u l-arranġamenti tal-kontabbiltà**

L-Artikolu 9 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014 għandu japplika *mutatis mutandis* għar-Riżorsi Proprji msemmija fl-Artikolu 2(1)(c), (d) u (e) tad-Deċiżjoni 20xx/xxxx/UE, Euratom.

## Artikolu 11

### **Tqegħid għad-dispożizzjoni tar-Riżorsi Proprji fuq il-bażi tal-Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva u l-Iskart tal-Plastik mill-imballaġġ li ma jkunx ġie rriċiklat**

1. L-ammonti kkalkulati skont l-Artikolu 7 u l-Artikolu 9 għal kull sena kalendarja għandhom jiġu kkreditati fl-ewwel jum tax-xogħol ta' kull xahar. Dawn l-ammonti għandhom ikunu wieħed minn tmax tat-totali rilevanti fil-baġit, ikkonvertiti fil-muniti nazzjonali bir-rati

tal-kambju tal-aħħar jum ta' kwotazzjoni tas-sena tal-kalendarju li tiġi qabel is-sena baġitarja, kif ippubblikati f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, serje C.

2. L-ammonti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiddaħħlu fil-kont imsemmi fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014 fl-ewwel jum tax-xogħol tax-xahar.

3. Kull bidla tar-rata tas-sejħa uniformi tar-Riżorsi Proprji msemmija fl-Artikolu 2(1)(c) u (e) tad-Deċiżjoni 20xx/xxxx/UE, Euratom għandha tirrikjedi l-adozzjoni finali tal-baġit emendatorju u għandha twassal għal riaġġustamenti tal-ħlasijiet ta' wieħed minn tnax li jkunu ddaħħlu fil-kont imsemmi fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014 sa mill-bidu tas-sena finanzjarja.

Dawn ir-riaġġustamenti għandhom isiru meta jsir l-ewwel dħul wara l-adozzjoni finali tal-baġit emendatorju jekk ikun adottat qabel is-sittax tax-xahar. Inkella dawn għandhom isiru meta jsir it-tieni dħul wara l-adozzjoni finali. B'deroga mill-Artikolu 11 tar-Regolament Finanzjarju, dawn ir-riaġġustamenti għandhom jiddaħħlu fil-kontijiet fir-rigward tas-sena finanzjarja tal-baġit emendatorju kkonċernat.

4. Il-kalkolu tal-wieħed minn tnax għal Jannar ta' kull sena finanzjarja għandu jkun ibbażat fuq l-ammonti stipulati fl-abbozz tal-baġit, imsemmija fl-Artikolu 314(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u kkonvertiti fil-muniti nazzjonali bir-rati tal-kambju tal-ewwel jum tal-kwotazzjoni ta' wara l-15 ta' Diċembru tas-sena kalendarja li tippreċedi s-sena baġitarja; l-aġġustament għandu jsir mad-daħla għax-xahar ta' wara.

5. Jekk il-baġit ma jkunx ġie finalment adottat sa mhux aktar tard minn ġimagħtejn qabel l-entrata għal Jannar tas-sena finanzjarja ta' wara, l-Istati Membri għandhom idaħħlu fl-ewwel jum tax-xogħol ta' kull xahar, inkluż Jannar, wieħed minn tnax tal-ammont tar-Riżorsi Proprji msemmija fl-Artikolu 2(1)(c) u (e) imdaħħla fl-aħħar baġit finalment adottat; l-aġġustament għandu jsir fl-ewwel jum dovut wara l-adozzjoni finali tal-budget jekk ikun adottat qabel is-16 tax-xahar. Inkella, l-aġġustament għandu jsir fit-tieni data dovuta wara l-adozzjoni finali tal-budget.

#### *Artikolu 12*

### **Disponibbiltà tar-Riżorsi Proprji bbażati fuq l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet tal-Unjoni Ewropea**

L-ammonti kkalkolati skont l-Artikolu 8 għandhom jiddaħħlu fil-kont imsemmi fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014 fl-ewwel jum tax-xogħol tax-xahar wara t-tieni xahar kalendarju wara x-xahar li fih kellu jsir il-kalkolu.

#### *Artikolu 13*

### **Appustamenti tar-Riżorsi Proprji fuq il-bażi tal-Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva u l-Iskart tal-Plastik mill-imballaġġ ta' snin finanzjarji preċedenti**

1. Fuq il-bażi tad-dikjarazzjonijiet annwali msemmija fl-Artikolu 5, kull Stat Membru għandu, fis-sena ta' wara dik li fiha din id-dikjarazzjoni kienet ġiet trażmessa, jiġi ddebitat jew kreditat b'ammont ikkalkulat mid-differenza bejn l-ammonti fil-previżjoni għal sena partikolari u d-dikjarazzjoni mal-ammonti reali għal dik l-istess sena.

2. Għal kull Stat Membru, il-Kummissjoni għandha tikkalkula d-differenza bejn l-ammonti li jirriżultaw mill-aġġustamenti msemmija fil-paragrafu 1 u l-prodott tal-multiplikazzjoni tal-ammonti totali tal-aġġustamenti bil-perċentwal li d-Dħul Gross Nazzjonali ta' dak l-Istat Membru jirrappreżenta tad-Dħul Nazzjonali Gross tal-Istati Membri

kollha, kif applikabbli fil-15 ta' Jannar għall-baġit fis-seħħ għas-sena ta' wara dik tal-forniment tad-dejta għall-aġġustamenti (l-“ammont nett”).

Għall-finijiet ta' dan il-kalkolu, l-ammonti għandhom jiġu kkonvertiti bejn il-munita nazzjonali u l-euro bir-rati tal-kambju tal-aħħar jum ta' kwotazzjoni tas-sena tal-kalendarju li tiġi qabel is-sena tad-dħul fil-kontijiet, kif ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, is-serje C.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri dwar l-ammonti li jirriżultaw minn dan il-kalkolu qabel l-1 ta' Frar tas-sena ta' wara dik tal-forniment tad-dejta għall-aġġustamenti. Kull Stat Membru għandu jdaħħal l-ammont nett fil-kont imsemmi fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014 fl-ewwel jum tax-xogħol ta' Ġunju tal-istess sena.

3. Kwalunkwe korrezzjonijiet jew aġġustamenti wara spezzjonijiet mad-dikjarazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5 għal snin finanzjarji preċedenti għandhom jagħtu lok għal aġġustament partikolari tad-dħul fil-kont imsemmi fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014. Dan l-aġġustament għandu jsir disponibbli fid-data speċifikata mill-Kummissjoni.

4. Wara l-31 ta' Lulju tas-sitt sena wara sena finanzjarja partikolari, kwalunkwe tibdil ma għandux jibqa' jiġi kkunsidrat, ħlief fuq punti nnotifikati f'dan il-limitu ta' żmien jew mill-Kummissjoni jew mill-Istat Membru.

5. L-operazzjonijiet imsemmija f'dan l-Artikolu jikkostitwixxu operazzjonijiet ta' introjtu fir-rigward tas-sena finanzjarja li fiha jridu jiddaħħlu fil-kont imsemmi fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014.

#### *Artikolu 14*

#### **L-antiċipazzjoni tal-wieħed minn tnax**

Għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-ħlas għan-nefqa [tal-FAEG skont ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>16</sup>,] u skont il-pożizzjoni ta' flus kontanti tal-Unjoni, l-Istati Membri jistgħu jiġu mistiedna mill-Kummissjoni biex iressqu 'l quddiem, sa xahrejn fl-ewwel kwart tas-sena finanzjarja, id-dħul ta' wieħed minn tnax, jew frazzjoni minnu, tal-ammonti fil-baġit għar-Riżorsi Propriji bbażati fuq il-Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva u l-Iskart tal-Plastik mill-imballaġġ.

Soġġett għat-tielet subparagrafu, għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-ħlas għan-nefqa [tal-FAEG skont ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>17</sup>,] u skont il-pożizzjoni ta' flus kontanti tal-Unjoni, l-Istati Membri jistgħu jiġu mistiedna mill-Kummissjoni biex iressqu 'l quddiem, fl-ewwel sitt xhur tas-sena finanzjarja, id-dħul ta' wieħed minn tnax addizzjonali, jew frazzjoni minnu, tal-ammonti fil-baġit għar-Riżorsi Propriji bbażati fuq il-Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva u l-Iskart tal-Plastik mill-imballaġġ.

<sup>16</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608).

<sup>17</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

L-ammont totali li l-Istati Membri jistgħu jiġu mistiedna mill-Kummissjoni biex iressqu 'l quddiem fl-istess xahar skont l-ewwel u t-tieni subparagrafi ma għandu, febda każ, jeċċedi ammont li jikkorrispondi għal żewġ partijiet addizzjonali minn tnax.

Wara l-ewwel sitt xhur, id-dħul rikjest ta' kull xahar ma jistax jeċċedi wieħed minn tnax tar-Riżorsi Proprji bbażati fuq il-Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva u l-Iskart tal-Plastik mill-imballaġġ, filwaqt li jibqa' fil-limitu tal-ammonti mdaħħla fil-baġit għal dak l-iskop.

Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Istati Membri dwar dan bil-quddiem, mhux aktar tard minn ġimagħtejn qabel id-dħul rikjest skont l-ewwel u t-tieni subparagrafi.

Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Istati Membri bil-quddiem ħafna, u mhux aktar tard minn sitt ġimgħat qabel id-dħul rikjest skont it-tieni subparagrafu, bl-intenzjoni tagħha li jintalab tali dħul.

Il-paragrafu 4 tal-Artikolu 11, li jirrigwarda l-ammont li għandu jiddaħħal f'Jannar ta' kull sena, u l-paragrafu 5 tal-Artikolu 11, applikabbli jekk il-baġit ma jkunx għadu ġie finalment adottat qabel il-bidu tas-sena finanzjarja, għandhom ikunu applikabbli għal dan id-dħul antiċipat.

### *Artikolu 15*

#### **Imgħax fuq l-ammonti li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tard**

1. Kwalunkwe dewmien fid-dħul ta' Riżorsi Proprji bbażati fuq l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet tal-Unjoni Ewropea fil-kont imsemmi fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014 għandu jagħti bidu għal pagament ta' imgħax mill-Istat Membru kkonċernat.
2. Għal Riżorsi Proprji bbażati fuq il-Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva u l-Iskart tal-Plastik mill-imballaġġ li ma jiġix riċiklat, l-imgħax għandu jkun pagabbli biss fir-rigward ta' dewmien biex jiddaħħlu l-ammonti li ġejjin:
  - (a) l-ammonti msemmija fl-Artikolu 11;
  - (b) l-ammonti li jirriżultaw mill-kalkolu msemmi fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 13, fil-mument speċifikat fit-tielet subparagrafu tat-tieni paragrafu tiegħu;
  - (c) l-ammonti li jirriżultaw minn aġġustamenti partikolari msemmija fl-Artikolu 13(3);
  - (d) ammonti li jirriżultaw minn nuqqas ta' Stat Membru li jipprovdi *d-data*; l-imgħax fuq l-aġġustamenti li jirriżultaw mill-korrezzjonijiet minħabba dak in-nuqqas, għandhom jiġu kkalkulati mill-ewwel jum tax-xogħol ta' Ġunju tas-sena ta' wara dik meta tkun għaddiet l-iskadenza ffixxata mill-Kummissjoni.
3. L-irkupru ta' ammonti ta' mgħax li jkunu inqas minn EUR 500 għandu jiġi rrinunzjat.
4. L-imgħax għandu jiġi impost fuq ir-rati u l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 12(4) u (5) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014.
5. Għall-ħlas tal-imgħax imsemmi fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, l-Artikolu 9(2) u (3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014 għandu japplika *mutatis mutandis*.

**KAPITOLU V**  
**IMMANIĠĠAR TAR-RIŻORSI TA' FLUS KONTANTI**

*Artikolu 16*

**Il-ħtiġijiet għall-immaniĠĠar tar-riżorsi ta' flus kontanti u l-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' ħlas**

L-Artikolu 14 u 15 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014 għandu japplika *mutatis mutandis* għar-Riżorsi Proprji msemmija fl-Artikolu 2(1)(c), (d) u (e) tad-Deċiżjoni 20xx/xxxx/UE, Euratom.

**KAPITOLU VI**  
**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 17*

***Il-proċedura tal-kumitat***

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat Konsultattiv dwar ir-Riżorsi Proprji stabbilit bl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 20xx/xxxx. Dan il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu jkun applikabbli l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 18*

***Id-dispożizzjonijiet tranżizzjonali***

1. Ir-Riżorsa Proprja msemmija fl-Artikolu 2(1)(c) tad-Deċiżjoni 20xx/xxxx/UE, Euratom għandha tiġi kkalkulata u ssir disponibbli sa mid-data msemmija fil-ħames paragrafu tal-Artikolu 9 ta' dik id-Deċiżjoni. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-ewwel previżjoni għal dik ir-Riżorsa Proprja għall-ewwel sena ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar ir-Riżorsa Proprja sal-15 ta' April tas-sena ta' qabel.
2. Qabel l-aħħar jum tax-xahar wara d-dħul fis-seħħ, kull Stat Membru għandu jipprovdi lill-Kummissjoni b'kalkolu skont l-Artikolu 8 għall-perjodu minn Jannar 2021 sa xahar qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Għall-bqija tax-xhur tas-sena tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u s-sena li ssegwi, il-previżjoni tal-ammont ta' Riżorsa Proprja msemmija fl-Artikolu 2(1)(d) tad-Deċiżjoni 20xx/xxxx/UE, Euratom għandha tiġi pprovduta sal-aħħar jum tax-xahar ta' wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
3. Qabel l-aħħar ġurnata tax-xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, kull Stat Membru għandu jipprovdi lill-Kummissjoni b'dikjarazzjoni annwali bl-ammont ta' Riżorsi Proprji msemmija fl-Artikolu 2(1)(e) tad-Deċiżjoni 20xx/xxxx/UE, Euratom għal kwalunkwe sena mill-2021 'il quddiem meta d-dejta statistika tkun disponibbli sabiex twettaq il-kalkolu msemmi fl-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament. Għall-bqija tas-snin sas-sena wara d-dħul fis-seħħ il-previżjoni tal-ammont ta' Riżorsa Proprja msemmija fl-Artikolu 2(1)(e) tad-Deċiżjoni 20xx/xxxx/UE, Euratom għandha tiġi pprovduta sal-aħħar jum tax-xahar ta' wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 19*

***Dħul fis-seħħ***

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni 20xx/xxxx/UE, Euratom.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw għar-Riżorsa Proprja bbażati fuq Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva mill-1 ta' Jannar tat-tieni sena wara d-data ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva tal-Kunsill dwar Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

## **DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA**

### **1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA**

- 1.1. Titlu tal-proposta / inizjattiva
- 1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB
- 1.3. Natura tal-proposta / inizjattiva
- 1.4. Għan(ijiet)
- 1.5. Raġunijiet għall-proposta / inizjattiva
- 1.6. Tul taż-żmien u impatt finanzjarju
- 1.7. Modi ta' ġestjoni ppjanati

### **2. MIŻURI TA' ĠESTJONI**

- 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u rapportar
- 2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll
- 2.3. Miżuri ta' prevenzjoni mill-frodi u mill-irregolaritajiet

### **3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA**

- 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u linja/i tal-baġit tan-nefqa affettwati
- 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa
  - 3.2.1. *Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*
  - 3.2.2. *Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali*
  - 3.2.3. *Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva*
  - 3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*
  - 3.2.5. *Kontribuzzjonijiet tat-terza persuna*
- 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

### 1. QAFAS TAL-PROPOSTA / INIZJATTIVA

#### 1.1. Titlu tal-proposta/inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar il-metodi u l-proċedura għad-disponibbiltà tar-riżorsi proprji bbażati fuq Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva, fuq l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet tal-Unjoni Ewropea u fuq l-Iskart tal-Plastik mill-imballaġġ li mhux riċiklat, u fuq il-miżuri biex jintlaħqu l-miżuri ta' flus kontanti.

il-Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jstabbilixxi miżuri li jimplimentaw is-sistema tar-Riżorsi Proprji tal-Unjoni Ewropea

Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE, EURATOM) Nru 1553/89 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għal ġbir ta' Riżorsi Proprji derivati mit-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

#### 1.2. Qasam/oqasma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB<sup>18</sup>

Dħul tal-baġit tal-UE (Titolu 1, Riżorsi Proprji)

#### 1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

Il-proposta / L-inizjattiva hija dwar **azzjoni ġdida**

Il-proposta / L-inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota / azzjoni preparatorja**<sup>19</sup>

Il-Proposta / L-inizjattiva hija relatata **mal-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

Il-proposta / L-inizjattiva hija dwar **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

#### 1.4. Għan(ijiet)

##### 1.4.1. *L-għan(ijiet) strateġiku/ċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta / inizjattiva*

Id-diversifikazzjoni fuq in-naħa tad-dħul tal-baġit tal-UE ma' basket ta' Riżorsi Proprji mibnija fuq il-komplimentarjetajiet biex tissaħħaħ il-koerenza fiskali, ir-reżiljenza u s-sens ta' ġustizzja u biex jifinanzjaw id-distakk tal-finanzjament li jirriżulta mill-irtirar tar-Renju Unit mill-Unjoni.

##### 1.4.2. *Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi u l-attività/attivitàjiet ABM/ABB ikkonċernata/i*

Għan speċifiku Nru

Ma japplikax

Attività / attivitàjiet ABM / ABB ikkonċernata/i

Titolu 1: Riżorsi proprji

<sup>18</sup> ABM: Activity-Based Management (immaniġġjar ibbażat fuq l-attività); ABB: Activity-Based Budgeting (ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività).

<sup>19</sup> Kif jissema fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

### 1.4.3. *Riżultat(i) u impatt mistennija*

*Speċifika l-effetti li l-proposta / inizjattiva jenhtiegħ tħalli fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.*

Basket ta' Riżorsi Proprji ġodda se jipprovdi dħul ġdid għall-baġit tal-UE, u jpoġġu lura Riżorsi Proprji ġenwini billi jorbtuhom ma' politiki ewlenin tal-UE (it-tibdil fil-klima, il-politika dwar l-ambjent, l-istrateġija tal-plastik, l-ekonomija ċirkolari, is-Suq Uniku) kif ukoll il-finanzjament tad-diskrepanza fil-finanzjament li tirriżulta mill-irtirar tar-Renju Unit mill-Unjoni.

Permezz ta' basket ta' Riżorsi Proprji, il-kompożizzjoni min-naħa tad-dħul tal-baġit tal-UE tkun aktar qrib tal-istruttura tal-baġits nazzjonali.

### 1.4.4. *Indikaturi tar-riżultati u tal-impatt*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.*

Din il-proposta għandha tipprovdi l-qafas biex ikun disponibbli f'waqt u b'mod korrett il-baġit tal-UE tar-rata standard tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Value Added Tax, VAT), il-Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva (BKKTK), l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (Emissions Trading System, ETS) u r-Riżorsi Proprji bbażati fuq l-Iskart tal-plastik mill-imballaġġ .

## 1.5. **Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva**

### 1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi(u) ssodisfat(i) fit-terminu ta' żmien qasir jew twil*

Ir-regoli għat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-baġit tal-UE għar-rata standard tal-VAT, il-BKKTK, ETS u Riżorsi Proprji bbażati fuq l-iskart tal-imballaġġ tal-plastik għandhom jiġu miftiehma fil-ħin biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni f'waqtha ta' basket dwar ir-Riżorsi Proprji l-ġodda.

### 1.5.2. *Il-valur miżjud tal-involviment tal-UE*

hawn fuq.

### 1.5.3. *Lezzjonijiet miksuba minn esperjenzi simili fil-passat*

Dawn il-proposti huma marbuta mad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji u skont ir-Regolament tal-Kunsill Nru 609/2014. Flimkien, dawn il-proposti jiċċaraw l-interazzjoni bejn id-dispożizzjonijiet dwar ir-Riżorsi Proprji u l-atti leġiżlattivi dwar il-VAT, il-BKKTK, l-ETS u tal-Iskart tal-plastik mill-imballaġġ.

### 1.5.4. *Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti adattati oħrajn*

Ma japplikax

### 1.6. Tul taż-żmien u impatt finanzjarju

Proposta / inizjattiva ta' **durata limitata**

- Proposta / inizjattiva fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS
- Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS

Proposta / inizjattiva ta' **durata mhux limitata**

- Implimentazzjoni b'perjodu tal-bidu mill-01/01/2020 sal-31/12/2020,
- segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa mill-1/1/2021.

### 1.7. Modi ta' ġestjoni ppjanati<sup>20</sup>

**Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

- mid-dipartimenti tagħha, inkluż il-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;
- mill-aġenziji eżekuttivi

**Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

**Ġestjoni indiretta** billi l-kompiti tal-implimentazzjoni baġitarja jiġu inkarigati lil:

- pajjiżi terzi jew il-korpi maħtura minnhom;
- organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);
- il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investment;
- il-korpi li jissemmew fl-Artikoli 208 u 209 tar-Regolament Finanzjarju;
- korpi tal-liġi pubblika;
- korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
- korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
- persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.
- *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod wieħed ta' ġestjoni, ipprovdi d-dettalji fit-taqsimha "Kummenti".*

Kummenti

Ma japplikax

<sup>20</sup> Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: [http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag\\_en.html](http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html)

## **2. MIŻURI TA' ĠESTJONI**

### **2.1. Regoli ta' monitoraġġ u rapportar**

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

Id-dispożizzjonijiet għall-monitoraġġ u r-rappurtar fir-rigward tat-tqegħid għad-dispożizzjoni tar-rata standard tal-VAT, il-BKKTK, l-ETS u Iskart tal-plastik mill-imballaġġ fuq il-bażi tar-Riżorsi Proprji jinstabu fil-Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jstabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni għas-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea.

### **2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll**

#### **2.2.1. Riskju/i identifikat(i)**

Ir-riskji potenzjali ewlenin jinkludu: l-istabbiliment mhux korrett bir-rata standard tal-VAT, BKKTK, ETS u l-Iskart tal-plastik mill-imballaġġ ibbażati fuq ir-Riżorsi Proprji, dħul żbaljat fil-kontijiet, dewmien fit-tqegħid għad-dispożizzjoni tar-riżorsa, u żbalji tal-kontabilità.

#### **2.2.2. Informazzjoni dwar it-twaqqif tas-sistema tal-kontroll intern**

Huma previsti metodi ta' kontroll fil-proposta, li jinkludu wkoll dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-proċedura tal-komitoloġija.

#### **2.2.3. L-ispejjeż u l-benefiċċji stmati tal-kontrolli u l-valutazzjoni tal-livell mistenni tar-riskju ta' żbalji**

CF. 2.2.1 u 2.2.2 hawn fuq.

### **2.3. Miżuri ta' prevenzjoni mill-frodi u mill-irregolaritajiet**

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti.*

Dispożizzjonijiet dwar il-kontroll u s-superviżjoni għall-kalkolu tar-rata standard tal-VAT, il-BKKTK, l-ETS u l-Iskart tal-plastik mill-imballaġġ ibbażati fuq ir-Riżorsi Proprji huma inklużi fir-Regolamenti tal-Kunsill akkumpanjanti.

### 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

#### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u linja/i tal-baġit tan-nefqa affettwati

Mhux applikabbli. Il-proposta ġdida dwar ir-Riżorsi Proprji m'għandhiex twassal għal rekwiżiti ta' riżorsi umani addizzjonali.

#### 3.2. Impatt stmat fuq id-dħul

- Il-proposta / L-inizjattiva ma għandhiex impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- Il-proposta / L-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġejj:
  - fuq ir-Riżorsi Proprji
  - fuq dħul mixxellanju

**biljuni ta' EUR**

Linja tad-dħul tal-baġit:	Approprja zzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali							
		Sena 2021	Sena 2022	Sena 2023	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027
Riżorsa Proprja bbażata fuq il-ING	102.7	101.5	104.7	101.2	102.6	104.0	105.5	107.0
Riżorsi Proprji Tradizzjonali	22.8	24.0	24.7	25.5	26.4	27.2	28.1	28.9
Riżorsa Proprja bbażata fuq il-VAT	17.2	22.4	23.1	23.8	24.6	25.4	26.3	27.1
Riżorsa Proprja bbażata fuq il-BKKTK	-	-	-	15.3	15.8	16.4	16.9	17.5
Riżorsa Proprja bbażata fuq l-ETS	-	3.0	3.0	3.0	3.0	3.0	3.0	3.0
Riżorsa Proprja bbażata fuq il-Plastik	-	6.6	6.6	6.6	6.7	6.7	6.7	6.6

Għal dħul mixxellanju "assenjat", speċifika l-linja/i tal-baġit tan-nefqa affettwati.

Ma japplikax

Speċifika l-metodu għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul.

Cfr. Metodu għall-kalkolu ta' kull Riżorsa Proprja fid-"Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni Finanzjament tal-baġit tal-UE: rapport dwar it-tħaddim tas-sistema tar-Riżorsi Proprji ":

Rata standard tar-Riżorsa Proprja tal-VAT p. 22

Riżorsa Proprja bbażata fuq il-BKKTK p. 25

Riżorsa Proprja bbażata fuq l-ETS p. 27

Riżorsa Proprja bbażata fuq l-Iskart tal-Plastik mill-Imballaġġ p. 28